MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2008

Avviz Numru. 82/2005

**Golden Harvest Mfg. Co. Ltd**
**Vs**

**Jesmond Sant f'ismu personali w ezercitanti l-kummerc taht l-isem Save & Smile**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta attrici nhar l-hdax (11) ta' Frar 2005 li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha is-somma ta' LM1,707.32 (elf sebgha mija u sebgha liri Maltin u tnejn u tlettin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghaxxijiet ulterjuri konra l-konvenut li minn issa huwa 'ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota t'eccezzjonijiet ta' Jesmond Sant fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici hekk kif diretti kontra l-eccipjent Jesmond Sant innifsu, huma nfonati stante li d-dejn allegat mis-socjeta attrici, semmai huwa dejn tal-komunjoni tal-akkwisti w ghaldaqstant ikun opportun jekk tigi kjamata 'n kawza l-mara tal-istess eccipjent u cioe Rita Sant.

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju, l-ammont pretiz fit-talba attrici ghandu jigi ridott stante li s-socjeta attrici kienet irkuprat fil-pussess jew ghadha trid tirkupra fil-pusess taghha xi xoghol li huwa msemmi fl-avviz de quo.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi nhar l-ghaxra (10) ta' Novembru 2005 xehed **Joe Aquilina** fil-kapacita tieghu ta' Direttur tal-kumpanija attrici. Jghid li s-socjeta minnu rapprezentata kienet tbiegh lill-konvenut b'mod regolari l-merkanzija. Fil-fatt jikkonferma li effetivament l-konvenut kellu jaghti somma hafna akbar pero l-bilanc restanti hu dak indikat fl-avviz oltre l-imghaxxijiet. Jghid li minn mindu nfethet il-kawza, l-konvenut m'ghamel ebda pagament akkont.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-hmistax (15) ta' Frar 2006 fejn ordnat il-kjamat in kawza ta' mart il-konvenut u cioe ta' Rita Sant.
Rat in-nota t'eccezzjonijiet ta' Rita Sant kif prezentati fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-hmistax (15) ta' Settembru 2006 fejn eccepiet:-

1. Illi preliminarjament l-eccipjenti m'ghandha ebda relazzjoni guridika mal-attur w ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi bla pregudizzju ghal dan, il-konvenut l-iehor Jesmond Sant, qatt ma gab l-awtorizazzjoni tal-eccipjenti martu, sabiex jidhol f'dejn ma terzi, u ghal dawn l-ahhar snin, il-konvenuti kienu qed jghixu separati *de facto* minn xulxin.

3. Illi l-esponent m'ghandhiex tbati ghan-nuqqasijiet tal-konvenut zewgha u huwa ghandu ibati l-ispejjez relattivi.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi l-Qorti tirrileva li din il-kawza hija skarsa minn provi u dan nonostante d-diversi seduti mizmuma sabiex jingiebu l-provi.

Minn ezami tal-verbali jirrizulta li l-partijiet naqsu li jidhru f'diversi seduti kif ukoll li jressqu l-provi taghhom.

Illi pero jirrizulta li s-socjeta attrici ressqet lid-Direttur taghha Joe Aquilina jixhed u jikkonferma li s-socjeta konvenuta kienet tbiegh merkanzija lill-konvenut u dan billi tikkonsenjalu prodotti ghall-hanut tieghu. Dan ikkonferma wkoll li l-ammont imsemmi fl-avviz kien ghadu dovut.

Jirrizulta wkoll minn ezami tal-eccezzjonijiet tal-kjamata 'n kawza Rita Sant, li hi tinsab separata *de facto* minn ma zewgha u li ma tghix mieghu u li m'ghandha x'taqsam xejn ma zewgha l-konvenut fil-gestjoni tan-negozju tieghu.

**Ghaldaqstant l-Qorti tiddikjara li s-socjeta attrici rnexxila tipprova ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li l-konvenut Jesmond Sant huwa debitur tas-socjeta attrici fis-somma ndikata fl-avviz u cioe LM1,707.32 (elf sebgha mija u seba liri Maltin u tnejn u tlettin centezmu) ekwivalenti ghal 3,976.99 Euro (tlett elef disgha mija sitta u sebghin euro u disgha u disghin Euro centesmi) u konsegwentement qieghda tilqa it-talba attrici filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tikkundannah ihallasha din l-istess somma.**

**In oltre, tiddikjara li qed tilqa l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat in kawza Rita Sant billi tiddikjara li qed tilliberha mill-osservanza tal-gudizzju.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu kollha sopportati mill-konvenut Jesmond Sant.**

**Bl-imghax skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------